**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 242/2016**

**Il-Pulizija**

**Spettur Luke Bonello**

**Vs**

**Anthony Scicluna**

Illum, 26 ta' Gunju 2019

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Anthony Scicluna, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 222551M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Fl-24 ta' Marzu, 2015, ghall-habta ta' bejn il-17:00 PM u s-18:00 PM, kif ukoll fil-jiem ta' qabel, fi Triq il-Kbira, Hal Balzan, u f'dawn il-gzejjer Maltin, bla hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita' jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lil xi hadd, ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, ndahal fi hwejjeg haddiehor billi fixkel lil Antonia Dalli mill-pussess ta' hwejjigha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' April, 2016, fejn il-Qorti lliberat lill-imputat Anthony Scicluna mill-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti, fis-16 ta' Mejju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza, u minflok, issib lill-appellat hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u tinfliggi piena skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant (Avukat Generali) huma s-segwenti w *cioe'*:-

> Illi l-esponent jirrileva illi skond il-gurisprudenza nostrana, l-Qrati Kriminali dejjem sahqu li sabiex ikun jista' jissussisti r-reat ta' *ragion fattasi*, l-Prosekuzzjoni trid tipprova erba' elementi:
>
> 1. att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew presunta ta' dan il-haddiehor;
> 2. il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
> 3. il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika; u
> 4. in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.
>
> Illi fir-rigward tal-ewwel element ta' *ragion fattasi*, *cioe'*, li ghandu jkun hemm att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew presunta ta' dan il-haddiehor, din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, rriteniet fil-*Pulizija vs Joseph Bongailas* illi:
>
>> Dan l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhala agir kriminali, kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-proprjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew tgawdija ta' dik il-haga.
>
> Illi, *in oltre*, din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, rriteniet ukoll fil-*Pulizija vs Maris Dimech et.*, illi:
>
>> Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi*, huwa bizzejjed xi forma ta' pussess bhalma kellu f'dan il-kaz il-*Parte Civile*, *cioe'*, cavetta li permezz taghha kien jista' jaccedi ghall-bejt.
>
> Illi kif inghad iktar 'il fuq, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati sostniet illi r-reat ma giex ippruvat *stante* li l-ebda tip ta' titolu ma gie ppruvat. Pero', bid-dovut rispett kollu lejn l-istess Qorti, mill-kazi appena citata, l-Qrati taghna sahqu li primarjament ma jridx jigi ppruvat titolu ta' proprjeta', u li dak li jrid jigi ppruvat huwa xi forma ta' pussess, liema pussess jezisti sempliciment jekk wiehed ikollu c-cavetta ta' fond li permezz taghha jkun jista' jaccedi ghal tali fond.

Jirrizulta ben car, u sahansitra mhux ikkontestat, il-fatt li l-*Parte Civile* kienet tidhol diversi drabi fid-dar u l-garaxx meta u x'hin riedet. Dan ghaliex kellha access ghalihom permezz tac-cavetta li kellha fil-pussess taghha. Ghaldaqstant, galadarba, skond il-gurisprudenza nostrana, dak li jrid jigi ppruvat huwa xi forma ta' pussess, dan il-pussess hu ampjament ippruvat. Illi tajjeb ukoll jinghad li l-*Parte Civile* mhux biss kellha c-cavetta tal-garaxx, izda din ukoll dahlet fid-dar u fil-garaxx kemm-il darba liberalment, wahedha kif ukoll mal-*partner* taghha qabel il-mewt tieghu.

Illi *di piu*, fl-umli fehma tal-esponent, l-azzjoni tal-appellat meta qabad u biddel ic-cavetta tal-garaxx minghajr ma gharraf lill-*Parte Civile* b'dana kollu, u minghajr ma ta kopja tac-cavetta l-gdida lill-*Parte Civile*, tikkostitwixxi deprivazzjoni ta' tgawdija jew l-uzu kemm tad-dar u l-garaxx. Ghaldaqstant, dan l-ewwel element tar-reat ta' *ragion fattasi* gie ppruvat fl-intier tieghu.

Fir-rigward tat-tieni element tar-reat ta' *ragion fattasi*, *cioe'*, l-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt, l-appellat stess jammetti li hu kien qieghed fis-sewwa meta biddel ic-cavetta tal-garaxx, u meta rrifjuta li jaghti c-cavetta l-gdida tal-garaxx lill-*Parte Civile*, hekk kif jirrizulta kemm mix-xhieda tal-appellat kif ukoll mill-affidavit ta' PS WPS 158, G. Henwood.

Fir-rigward tat-tielet element tar-reat ta' *ragion fattasi*, *cioe'*, l-koxjenza fl-agent li hu qed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika, minflok l-appellat ma rrikorra ghal rimedji legali sabiex jigi ddeterminat jekk in fatti, *l-Parte Civile* ghandhiex pussess jew kwalunkwe dritt iehor fuq id-dar u l-garaxx, huwa qabad u ha l-ligi b'idejh u spussessa l-*Parte Civile* mill-pussess taghha tal-fond u l-garaxx. Il-pretensjoni tal-appellat li l-*Parte Civile* ma kellha l-ebda dritt fuq id-dar u l-garaxx in kwistjoni jekk mhux bil-bon grazzja tieghu, kellha tigi deciza mill-Qrati Civili, u mhux qabad u ha l-ligi b'idejh billi effettivament impeda lill-*Parte Civile* milli taccedi d-dar u l-garaxx li kienet taccedi ghal ghexieren ta' snin.

Fir-rigward tar-raba' element tar-reat ta' *ragion fattasi*, *cioe'*, li jrid ikun hemm in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi, l-esponent jirrileva li ma hemm ebda kontestazzjoni rigward dan l-element *stante* li quddiem il-Qorti tal-Magistrati, hadd ma allega li l-att tal-appellat jammonta ghal xi reat aktar gravi.

Illi tenut kont li l-elementi kostituttivi tar-reat *de quo* gew ampjament ippruvati, kienet biss l-interpretazzjoni zbaljata tal-ligi, specifikament dwar l-interpretazzjoni tal-kuncett ta' pussess, li wasslet ghall-liberatorja tal-appellat mill-ewwel imputazzjoni, u ghalhekk, dan l-umli appell qieghed jigi interpost *ai termini* tal-artikolu 413(1) (b) (iv) (i).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-appellant Avukat Generali huwa tal-fehma illi f'dan il-kaz jezistu l-elementi kollha legali lil isawwru r-reat ta' ragion fattasi, tant illi l-Ewwel Qorti erronjament illiberat lill-appellat abbazi tal-premessa illi l-parte civile naqqset milli tipprova titolu fuq il-garaxx mertu tal-kaz. Dan ghaliex fil-fehma tieghu il-pova tal-pussess jew tgawdija tal-parte civile kien bizzejjed biex ir-reat jissussisti.

Illi r-reat ta' raggion fattasi huwa regolat bl-artikolu 85 taI-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta bl-elementi li isawwru r-reat stabbiliti fil-gurisprudenza bhala:

*a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;*
*b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;*
*c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;*
*d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;*[1]

Illi jidher ċar mid-diċitura tal-liġi illi min jikkometti r-reat ta' raggion fattasi ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-propjeta li qed jippretendi d-dritt fuqha. Ir-reat jista' jissusisti f'kaz ta sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-propjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat. Infatti din il-Qorti ikkunsidrat is-segwenti:

> **"L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi**

[1] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.

**hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.**

**Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni."**

Ukoll fl-appell Pulizija vs John Vassallo[2], il-Qorti qieset illi

**'Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.'**

Dan ghaliex:

**'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat- tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu'[3]**

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti l-appellant Avukat Generali ghalhekk jikkontendi illi dan il-pussess f'idejn il-parti leza gie ippruvat. Fil-fatt jirriżulta illi nhar il l-25 ta' Marzu 2015 Antonia Dalli, l-parti leza, kienet għamlet rapport fl-għassa ta' Ħal Balzan kontra l-appellat li kien biddel is-serratura ta' garaxx li hija tikkontendi li kellha l-uzu tieghu. Fil-fatt jidher illi Dalli kienet is-sieħba ta' certu Louis Scicluna li jiġi ħu l-appellat u li kien għadu kif miet ftit ta' żmien qabel. Dalli ssostni illi s-sieheb taghha kien ħallielha fil-wirt nofs id-dar t'ommu sitwata fl-indirizz 118, Triq il-Kbira, Balżan f'liema żmien kien qed jabita Anthony Scicluna li da parti tiegħu kien sid tan-nofs l-ieħor tal-fond imsemmi. Allegat li għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija meta hi marret

[2] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22.3.1991.
[3] Il-Pulizija vs John Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

fir-residenza in kwistjoni u ppruvat taċċedi għall-garaxx ta' dan il-fond biex tiġbor l-effetti tagħha sabet is-serratura mibdula u meta talbet lill-appellat sabiex jiftħilha bil-prudenza hu qabad jgħajjarha u jheddidha. Meta mitkellem mill-pulizija l-appellat stqarr li kien bi ħsiebu jikkontesta t-testment filwaqt li kien lest li jaghti lil Dalli l-effetti tagħha billi tinfurmaħ meta ser tmur tiġborhom u b'hekk jiftħilha hu u dan fuq parir tal-avukat tiegħu.

Fix-xiehda taghha quddiem l-Ewwel Qorti Dalli baqghet issostni li kellha ċ-ċavetta għall-garaxx in kwistjoni li ma kienx jifforma parti mill-fond f' Hal Balzan u li kellha access ghalih meta Louis Scicluna kien ghadu haj tant li kellha l-effetti tagħha ġo fih. Minn naha tieghu l-appellat baqa' isostni illi Dalli qatt ma kellha pussess tal-garaxx u li kien ħuħ li ghaddielha c-ċavetta bħalma kien jagħti lil diversi nies peress li ma kienx f'qaghda mentali tajba. Jishaq ukoll illi Dalli qatt ma thalliet tidhol fil-garaxx u fil-fond peress li kienet giet imkeċċija minn hemm minn ommu. Żied ighid li ommu kienet bss aċċettat kontra qalbha li żżommilha żewġ gwardarobbi fil-garaxx mertu ta' dan il-każ fuq talba ta' binha Louis u dan biex dawn ma jintremewx. Mhux biss izda Scicluna jistqarr illi s-serratura in kwistjoni kienet inbidlet għaxar snin qabel sar ir-rapport meta ommu kienet għada ħajja u dan ghamlu fuq struzzjonijiet ta' ommu stess minħabba l-fatt li huh Louis kien qed iqassam iċ-ċwievet tal-garaxx in kwistjoni lil diversi nies u kien qed jinqala' hafna inkwiet.

Illi ghalkemm l-Avukat Generali fir-rikors tieghu tal-appell jaghmel esposizzjoni ta'l-elementi ta' dritt erudita fir-rigward tar-reat ta'l hekk imsejjah *raggion fattasi*, u ukoll ghalkemm l-Ewwel Qorti erronjament sejset id-decizjoni taghha fuq in-nuqqas ta' titolu tal-parti leza, billi kif inghad il-vjolazzjoni tas-semplici pussess huwa bizzejjed biex jissussisti r-reat, madanakollu mill-provi prodotti hemm dubbju kemm filfatt il-parte ċivile kellha l-pussess u/jew it-tgawdija tal-garaxx mertu ta' dawn il-proceduri penali. Huwa evidenti minn dak illi xehed Scicluna li tali pussess ma kienx effettivament jeżisti u dan irrispettivament mill-fatt li Dalli kienet ingħatat ċavetta minn Louis Scicluna u dan fiz-żmien meta l-propjeta in kwistjoni kienet għada tappartjeni lill-ommhom meta din kienet għada ħajja. *Di piu* skond dak li xehed Scicluna, jidher li s-serratura kienet filfatt inbidlet fuq struzzjonijiet ta' ommu meta

din kienet għada ħajja u mhux fiż-żmien meta sar ir-rapport minn Dalli. In oltre dejjem skond dak mistqarr mill-appellat, l-gwardarobbi tal-parte ċivile tqiegħdu fil-garaxx bi pjaċir u mhux biex Dalli jkollha xi jedd fuq il-propjeta in kwistjoni. Infatti mill-atti jidher ukoll li Scicluna kien dispost li jgħaddilha l-effetti tagħha lura konsistenti f'zewg gwardarobbi u komodina.

Illi mix-xiehda ta' Antonia Dalli stess jidher illi hija ma kellhiex pussess la tal-fond f'Hal Balzan u wisq anqas tal-garaxx billi Louis Scicluna s-sieheb taghha kien ighix maghha gewwa Birkirkara u mhux fir-residenza ta' Hal Balzan ghalkemm jidher illi meta mietet l-omm hu wiret nofs indiviz ta' din il-proprjeta flimkien ma' huh Anthony. Mhux biss izda taqbel, meta mistoqsija in kontro-ezami, illi meta kienet ghadha hajja l-omm, hija kienet tat il-kunsens lill-appellat biex jokkupa dan il-fond. Illi l-oggetti li taghmel referenza ghalihom fil-fatt kienu tqieghdu fil-garaxx meta omm l-ahwa Scicluna kienet ghadha hajja. Il-parti leza madankollu fix-xiehda taghha issostni illi ghandha dritt ghal din il-proprjeta billi hija werrieta tas-sieheb taghha Louis, li jigi hu l-appellat u mhux ghaliex hija kellha l-uzu ta' dan il-fond. Lanqas prova tat-titolu permezz ta' xi testment li juri li hija wirtet sehem Louis Scicluna mal-mewt tieghu ma gie prodott. Dan jirrizulta biss mix-xiehda tal-appellat stess li jikkontendi illi saru proceduri civili biex it-testment ta' huh jigi ikkontestat peress li allegatament Dalli kienet approfittat ruħha mill-limitazzjoni mentali ta' Louis Scicluna fejn ikkonvinċietu sabiex jagħmel testment fejn ħalla kollox lilha u allegatament lin-neputijiet tagħha. Jerga jinghad madanakollu li prova ta' dan ma hemmx fl-atti.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti tqies illi x-xiehda ta' Dalli mhijiex verosimili u qajla temmen illi hija kienet fil-fatt tidħol fir-residenza u fil-garaxx in kwistjoni kemm qabel kif ukoll wara l-mewt ta' omm is-sinjuri Scicluna u dan tenut kont tal-fatt li minn dak li ddeponiet hi stess, jidher li hi kienet tagħmel ħafna mill-ħin tagħha tistenna barra ir-residenza u kienet allegatament tidħol biss bil-permess ta' Louis Scicluna wara li jkun ikkonsulta ma ħuh. Jekk hi verament kellha aċċess għal din il-propjeta, dan ix-xenajru ma tantx għandu mis-sewwa. Maghmula dawn il-

konsiderazzjonijiet ghalhekk l-Ewwel Qorti gustament ma tatx affidament lid-deposizzjoni ta' Dalli u dan billi la irnexxielha tipprova li hi kellha pussess, uzu jew tgawdija tal-garaxx mertu tal-kaz u lanqas biss ressqet provi illi hija ghandha titolu fuq l-istess.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Vera Kopja

Jocye Agius
Deputat Registratur